**DIKJARAZZJONI**

# IR-4 SUMMIT TA' SINDKI LIBERALI – MADRID, 9 TA' NOVEMBRU 2018

## INWAQQFU L-POPULISTI AWTORITARJI – INSAĦĦU L-PILASTRI TAD-DEMOKRAZIJA URBANA

Aħna s-sindki liberali, imlaqqgħin flimkien għar-4 Summit tagħhna, matul il-Kungress tal-Partit tal-ALDE f'Madrid, Spanja fid-9 ta' Novembru 2018, nappellaw lis-sindki liberali kollha madwar id-dinja biex jgħinu jipproteġu d-demokrazija mit-tendenza dejjem qed tikber ta' mexxejja awtoritarji, illiberali u anti-pluralisti. B'maġġoranza tal-popolazzjoni dinjija tgħix f'żoni urbani, is-sindki tal-bliet għandhom is-setgħa u r-responsabbiltà li jsaħħu l-pilastri tad-demokrazija lokali, u b'hekk iwaqqfu milli mexxejja awtoritarji jistabbilixxu għeruq vitali fil--bliet.

Għalhekk aħna nappellaw lis-sindki kollha madwar id-dinja li huma impenjati għad-demokrazija biex:

- Jaqblu ma' partiti politiċi oħrajn li ċerti aspetti tad-demokrazija lokali mhumiex negozjabbli u ser jiġu difiżi b'mod konġunt jekk qatt jiġu attakkati. Iħabbru dawn il-ftehimiet l;ill-popolazzjoni lokali u lill-mezzi tax-xandir.
- Jikkonvertu drawwiet demokratiċi stabbiliti f'regoli u liġijiet sodi li ma jistgħux jinkissru, f'każ li mexxejja futuri jkunu mħajra jinjorawhom.
- Isaħħu l-istituzzjonijiet indipendenti biex ikunu protetti minn interferenza politika.
- Jibnu fiduċja fil-gvern lokali tal-belt, pereżempju billi tiżdied ir-responsabilità pubblika u jkun hemm tolleranza żero fir-rigward tal-korruzzjoni.
- Jippromwovu u jiffaċilitaw l-edukazzjoni ċivika, sabiex votanti infurmati ħażin isiru votanti edukati.

- Jippromwovu u jiffaċilitaw fehim pubbliku akbar dwar kif il-midja lokali tiġbor l-informazzjoni u kif jikkontroverifikaw il-fatti, u jistabbilixxu mekkaniżmi biex isaħħu l-indipendenza finanzjarja u politika tagħhom.
- Jappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet elettroniċi għal governanza miftuħa u trasparenti
- Jipproteġu sistemi lokali minn attakki ċibernetiċi.
- Jagħtu eżempju ta' kunsens u kompromess, u jirrifjutaw li jużaw insulti u ħdura fid-diskors pubbliku.
- Jibnu progress ekonomiku li jiffoka fuq il-prosperità reali esperjenzata miċ-ċittadini, u jippjanaw għall-bidliet li l-awtomatizzazzjoni qed iġġib lill-ekonomija.
- Ikunu difensuri u promotturi qalbiena tad-demokrazija.

*Din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata mill-24 parteċipant fir-4 Summit tas-Sindki Liberali:*

*Bart Somers – Mechelen, il-Belġju – ALDE President tal-KtR*
*Herman Mashaba – Johannesburg, l-Afrika t' sfel*
*Begoña Villacis – Kandidat għal Sindku ta' Madrid, Spanja*
*Rui Moreira – Porto, il-Portugall*
*François Decoster – Saint-Omer, Franza – ALDE Viċi President tal-KtR*
*Darina Kováčová – Jirkov, ir-Repubblika Ċeka*
*Keith House – Kunsill ta' Eastleigh, Renju Unit*
*Laurent Hénart – Nancy, Franza*
*Dario Hrebak – Bejlovar, il-Kroazja*
*Hanna Kosonen – Bord tal-Belt ta' Savonlinna, il-Finlandja*
*Francesco Vanderjeugd – Staden, il-Belġju*
*Mart Võrklaev – Rae, l-Estonja*
*Vincent Chauvet – Autun, Franza*
*Nehriban Ahmedova – Venets, il-Bulgarija*
*Pieter Gysbrechts – Putte, il-Belġju*
*Rait Pihelgas – Järva, l-Estonja*
*Rumen Pehlivanov – Rudozem, il-Bulgarija*
*Pawel Czuliński – Twardogora, il-Polonja*
*Marko Torm – Rakvere, l-Estonja*
*Beytula Salo – Samuil, il-Bulgarija*
*Constantin Bilea – Oarja, ir-Rumanija*
*Adrian-Paul Forcos – Târgu Trotus, ir-Rumanija*
*Urmas Sukles – Haapsalu, l-Estonja*
*Hasan Azis – Kardjali, Il-Bulgarija*